MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2008

Numru 1328/2007

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
Jonathan Taliana, iben Michael, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ lulju, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-2 ta’ settembru, 2007 ġewwa l-Belt, Valletta u f’postijiet oħra ġewwa dawn il-Gżejjer:
a. iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, għamel użu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk min ħaddieħor, mingħajr il-kunsens tas-sid; jew

b. għamel użu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkunfihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanżija, jew biegħ merkanżija, b'din il-marka, sinjal jew emblema;
c. xjentement,qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew żamm għandu għall-bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanżija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbħin b'qerq;
u cioe' tnejn u tmenin (82) DVD films u logħob tal-Playstation II.

2. talli fl-istess data, lokalitajiet u ċirkostanżi, għal qliegħ, jew bi skop ta' kummerċ, stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċja, jew ikkopja jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-liġi ta' Malta jew taħtha;

3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni skond il-liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha eżebiti.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-kwerela tal-parte ċivile.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' marzu, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 298(1)(a)(ċ)(f) u 298B

tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ tlett mija u ħamsin euro (€350). Tordna l-konfiska u id-distruzzjoni tal-oġġetti kollha eżebiti. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti jew periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------